MALTA

QORTI CIVILI
PRIM'AWLA

ONOR. IMHALLEF
SILVIO MELI
LL.D.; Dip. Stud.Rel.; Dip. Can.Matr. Jur. & Proc.;
Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);
P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),
P.G. Dip. European Law (King's College, London).

**Illum is-16 ta' Dicembru, 2015.**

**Rikors Numru 368/2015 SM**

**Maria Dolores *sive* Dorrie Galea**

**vs.**

**Kuraturi Deputati Dr. Martin Fenech
u l-Prokuratur Legali Joanne Borg hekk
nominati b'digriet tat-18 ta' Mejju, 2015**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-22 t'April, 2015, li permezz tieghu r-rikorrenti Maria Dolores *sive* Dorrie Galea sintetikament ippremettiet is-segwenti:

1.1. Illi Lawrence Cachia Zammit miet fit-2 ta' Settembru, 1989, (ara foll 4);

1.2. Illi jirrizulta li l-ahhar testment tad-*decuius* fuq indikat sara minnhu fl-atti tan-Nutar Dottor Victor J. Bisazza, datat is-16 ta' Gunju, 1989, (ara foll 9);

1.3. Illi l-imsemmi *decuius* halla b'legat favur ir-rikorrenti n-nofs, (1/2), indiviz tal-fond numru 53, Windsor Terrace, Sliema, (ara foll 10 u 11);

1.4. Illi l-istess *decuius* halla bhala eredi universali tieghu in kwantu ghan-nofs il-wirt tieghu lin-Nutar Dottor John Cachia Zammit u Catherine Gambin, u in kwantu ghan-nofs l-iehor lil John Andrew, Anna u David ahwa Culley f'sehem indaqs bejniethom, (ara foll 11);

1.5. Illi l-eredi indikati fil-paragrafu precedenti m'accettawx il-wirt *de quo*;

1.6. Illi hadd m'accetta l-wirt tal-istess *decuius*;

1.7. Illi allura hemm lok li jigu appuntati kuraturi ghal wirt battal tad-*decuius de quo* biex ipoggi lir-rikorrenti fil-pussess tal-legat fuq riferit, (ara paragrafu numru wiehed punt tlieta, (1.3.), aktar qabel);

1.8. Illi ghaldaqstant aderiet din il-qorti biex din:

1.8.1. Tordna lill-kuraturi deputati nominati ghal wirt battal ta' l-imsemmi Lawrence Cachia Zammit biex jimmettu fil-pussess lir-rikorrenti tal-legat taghha, *ai termini* ta' l-artiklu 726 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

1.8.2. Tiffissa gurnata, hin u lok ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt notarili relattiv u tinnomina nutar ghall-istess skop;

2.0. Rat ir-risposta datata l-4 ta' Gunju, 2015, li permezz taghha l-kuraturi deputati rrispondew sintetikament bil-mod segwenti:

2.1. Illi mhux edotti mill-fatti;

2.2. Illi jirrizervaw id-dritt taghhom li jissottomettu risposti ulterjuri meta jkun il-kaz;

3. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

4. Ezaminat id-dikjarazzjonijiet guramentati esebiti;

5. Tirrileva li ghalkemm l-intimati *nomine* kellhom udjenza rizervata ghall-provi taghhom dawn ma dehrux u ghamlu hekk minghajr m'iggustifikaw ruhhom ghal dan skont il-ligi;

Ikkunsidrat:

6.0. Illi l-fatti rizultanti jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

6.1. Illi r-rikorrenti kienet ilha taf lid-*decuius* fuq riferit ghal zmien twil minn meta kienet adoloxxenti, (ara foll 54);

6.2. Illi r-relazzjoni bejnha u d-*decuius* tant kienet tajba li meta rritornat Malta minn fejn kienet tghix barra minn Malta, marret tghix mad-*decuius* u martu flimkien ma bintha, (ara foll 54);

6.3. Illi r-rikorrenti baqghet tiehu hsieb lid-*decuius* u lil martu sa ma mietu, (ara foll 54);

6.4. Illi mir-ricerki testamentarji li saru fil-konfront tad-*decuius* jirrizulta li l-ahhar testment tieghu kien dak datat is-16 ta' Gunju, 1989, *in atti* tan-nutar Dottor Victor J. Bisazza, (ara foll 54 u 9);

6.5. Illi l-eredi universali tieghu huma dawk indikati fir-rikors guramentat promotur, (ara paragrafu numru wiehed punt erbgha, (1.4.), aktar qabel);

6.6. Illi *di piu`*, l-istess *decuius* halla b'legat lir-rikorrenti bhala kumpens ghas-servigi minnha lilhu rezi nofs, (1/2), indiviz tal-fond indikat fir-rikors guramentat promotur, (ara paragrafu numru wiehed punt tlieta, (1.3.), aktar qabel);

6.7. Illi l-eredi universali nominati fuq riferiti ghazlu li jirrinunzjaw ghall-eredita` ta' l-istess *decuius* in

dizamina, (ara paragrafu numru wiehed punt hamsa, (1.5.), aktar qabel);

6.8. Illi ghalkemm ghaddew diversi snin mill-mewt ta' l-imsemmi Lawrence Cachia Zammit, ir-rikorrenti ghadha ma gietx impoggija fil-pussess ta' l-immobbli in dizamina kif dovut;

6.9. Illi in oltre, s-sidien tan-nofs, (1/2), indiviz l-iehor ukoll ma tpoggewx in pussess tal-porzjon taghhom tal-fond *de quo*, u ghalhekk huma wkoll sofrew pregudizzju;

6.10. Illi *stante* il-pregudizzju soffert mir-rikorrenti li baqghet s'issa ma tpoggitx fil-pussess tas-sehem taghha tal-fond in dizamina, kienet kostretta tipprocedi bil-kawza odjerna in tutela tad-drittijiet taghha fir-rigward kif fuq indikat;

6.11. Illi s-suespost hu wkoll essenzjalment ikkonfermat minn bint ir-rikorrenti, (ara foll 56);

Ikkunsidrat:

7.0. Illi fin-nuqqas tal-kontradittorju, din il-qorti tqis li r-rikorrenti pprovat il-kaz taghha skont il-ligi, u konsegwentement, filwaqt li takkolji t-talbiet kollha tar-rikorrenti:

7.1. Tordna lill-kuratturi deputati nominati fuq indikati biex jimmettu fil-pussess lir-rikorrenti tal-legat lilha mholli mid-*decuius* fuq indikat ta' nofs, (1/2), indiviz tal-fond numru 53, Windsor Terrace, Sliema, *ai termini* ta' l-artiklu 726 tal-Kap 16 fuq riferit;

7.2. Tordna li l-kuntratt notarili relattiv ghandu jsir fi zmien (3) xhur mill-lum, u ghal dan il-ghan tahtar lin-Nutar Dottor Andre` Farrugia;

7.3. Illi in vista ta’ l-istess, l-ispejjez ghandhom ikunu a karigu tar-rikorrenti.

___________________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**